12 ta' Ġunju, 1953

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.;

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Paolo Schembri *versus* Rosina Bonnici *et.*

**Spejjeż Ġudizzjarji — Ratizzazzjoni — Taxxa — Impunjazzjoni — Notifika — Ċitazzjoni — "Jus Superveniens" — Art. 62 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*L-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-Reġistratur; u t-taxxi minnu magħmula ma jistgħux jiġu attakkati wara li jgħaddi xahar. Dan iż-żmien jibda jgħaddi, għal dawk li jkunu talbu t-taxxa ta' l-ispejjeż, mill-ġurnata li fiha tkun inħarġet it-taxxa, u għad-debitur, li jkun ġie regolarment notifikat bit-taxxa b'att ġudizzjarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika.*

*Għaldaqstant, għad-dekorrenza ta' dak iż-żmien, li fih jista' jiġi mpunjata t-taxxa da parti tad-debitur, hija neċessarja n-notifika lilu tat-taxxa b'att ġudizzjarju.*

*Jekk it-taxxa ma tkunx ġiet notifikata regolarment b'att ġudizzjarju lid-debitur, u intant il-parti l-oħra taġixxi kontra tiegħu għall-approvazzjoni tar-ratizzazzjoni ta' l-ispejjeż tal-kawża li għaliha tirriferixxi t-taxxa, u ma' l-att taċ-ċitazzjoni tiġi eżibita dik it-taxxa, in-notifika għandha titqies li saret regolarment bin-notifika taċ-ċitazzjoni, u minn dak il-jum jibda jiddekorri x-xahar żmien li fih id-debitur jista' jimpunja t-taxxa. U jekk huwa ma jimpunjax dik it-taxxa f'dak ix-xahar żmien, huwa ma għadux aktar fil-waqt li jattakka t-taxxa, u ma jistax jopponi t-talba għall-approvazzjoni tar-ratizzazzjoni fuq il-motiv li huwa jallega li għadu fil-waqt li jimpunja t-taxxa li fuqha hija bażata r-ratizzazzjoni, għax dritt aktar li jattakka t-taxxa huwa ma għandux. U allura l-azzjoni eżerċitata mill-attur ma tibqax aktar difettuża, in forza tal-prinċipju "jus superveniens firmat actionem vel exceptionem".*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li bih l-attur, wara li ppremetta illi bis-sentenza ta' dik il-Qorti tat-3 ta' Ottubru 1951, fil-kawża fl-ismijiet "Paolo Schembri vs. Rosina Bonnici xebba u Lucrezio Cassar għall-interess li jista' jkollu", il-Qorti ddeċidiet, rigward l-is-

pejjeż, li fil-konfront bejn l-attur u l-konvenuta l-ispejjeż għandhom jitħallsu minn din ta' l-aħħar, u fil-konfront bejn l-attur u l-konvenut l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa, waqt li l-ispejjeż ta' l-eċċezzjoni preliminari għandhom jitħallsu mill-konvenuta; u illi għalhekk kien hemm bżonn li ssir ratizzazzjoni ta' l-ispejjeż ta' l-imsemmija kawża; u illi huwa neċessarju li l-istess ratizzazzjoni tiġi approvata; u illi l-konvenuta, non ostante li ġiet interpellata b'ittra uffiċjali tat-12 ta' Marzu 1952 biex tapprova l-imsemmija ratizzazzjoni, ma rrispondiet xejn; talab illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, tiġi approvata r-ratizzazzjoni ta' l-ispejjeż tal-kawża fuq imsemmija (dok. A), li minnha jirriżulta li huwa fadallu jieħu minn għand il-konvenuta, għas-saldu ta' l-ispejjeż ta' dik il-kawża, is-somma ta' £42. 13. 11¼. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-12 ta' Marzu 1952, kontra l-konvenuta, li ġiet imħarrka biex tidher għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuta, li biha eċċepiet illi t-taxxa ta' l-ispejjeż tal-kawża ċitaz. nru. 610/52 "Paolo Schembri vs. Rosina Bonnici et.", deċiża minn dik il-Qorti fit-3 ta' Ottubru 1951, ma ġietx regolarment notifikata lilha kif jirrikjedi l-art. 62 tal-Proċedura Ċivili; għalhekk għadha impunjabili in virtù ta' l-istess artikolu, u r-ratizzazzjoni bażata fuq it-tassazzjoni magħmula għal dik il-kawża hija mingħajr bażi, u ma tistax tiġi approvata kif l-attur f'din il-kawża qiegħed jitlob li tiġi;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-3 ta' Marzu 1953, li biha ġew respinti l-eċċezzjonijiet ulterjuri sollevati mill-konvenuta, bl-ispejjeż kontra tagħha; wara li kkunsidrat;

Illi l-konvenuta tallega illi t-taxxa ta' l-ispejjeż fil-kawża msemmija fl-att taċ-ċitazzjoni ma ġietx regolarment notifikata lilha skond il-liġi, u għalhekk hija għadha fiż-żmien li timpunjaha; u konsegwentement ir-ratizzazzjoni bażata fuq dik ittassazzjoni hija mingħajr bażi, u ma tistax tiġi approvata;

Illi l-pont hu bażat fuq id-dispożizzjoni ta' l-art. 62 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, li tistabbilixxi illi l-ispejjeż ġudizzjarji jiġu taxxati u likwidati mir-Reġistratur, u t-taxxi magħ-

mula minnu ma jistgħux jiġu attakkati wara li jagħlaq xahar. Dana ż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa ta' l-ispejjeż, jibda jgħaddi mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa; u għad-debitur li jkun regolarment notifikat — "duly served", kif jingħad fid-dizzjoni bl-ingliż — bit-taxxa b'att ġudizzjarju, mill-ġurnata ta' din in-notifika;

Il-lokuzzjoni ta' din id-dispożizzjoni ma kienetx minn dejjem l-istess kif inhi l-lum. Hekk, il-lokuzzjoni oriġinali, fl-Ordinanza nru. IV ta' l-1854, kienet din :— "Il registratore tasserà e liquiderà le spese giudiziarie, salvo il reclamo alla stessa Corte entro un mese". Bl-Ordinanza nru. IV ta' l-1862 il-lokuzzjoni ġiet mibdula, u saret hekk :— "Judicial costs shall be taxed and assessed by the Registrar; and the taxations made by him cannot be opposed after the expiration of one month from the day on which notice of such taxations shall have been given, even by an official letter". U bl-Ordinanza numru XXI ta' l-1934 il-lokuzzjoni ġiet mibdula hekk :— "Judicial costs shall be taxed and assessed by the Registrar, and the assessment made by him shall not be impugned after the expiration of one month. The aforesaid period, in regard to those who have demanded the taxed bill of cots, shall commence to run from the day on which the taxed bill was issued; and in regard to the debtor, duly served with such taxed bill by a judicial act, from the day of such service";

Mill-premess jidher illi bil-kliem "regolarment notifikat", użati fid-dispożizzjoni tal-liġi fuq imsemmija, għandu jiftiehem illi t-taxxa ta' l-ispejjeż trid tiġi notifikata lid-debitur mhux bi kwalunkwe mod li jkun, bħallikieku b'konsenja jew b'ittra privata, anki reġistrata, imma b'att ġudizzjarju, li, kif ġie ritenut, jista' jkun "kwalunkwe att ġudizzjarju" (Vol. VII, 141); u għalhekk anki b'ittra uffiċjali (Vol. VII, 522), kif fil-fatt kien jingħad espressament fl-Ordinanza nru. IV ta' l-1862. B'dan il-mod ma tistax il-konvenuta tippretendi li ma ġietx notifikata regolarment bit-taxxa ta' l-ispejjeż tal-kawża, jekk l-attur, kif huwa jallega, innotifikaha b'dik it-taxxa bl-ittra uffiċjali tat-12 ta' Marzu 1952;

Illi jirriżulta li b'din l-ittra uffiċjali l-attur interpella lill-konvenuta biex tapprova r-ratizzazzjoni ta' l-ispejjeż tal-

kawża; b'liema interpellazzjoni l-konvenuta ġiet notifikata fit-13 ta' Marzu 1952, għalkemm minn dik l-ittra uffiċjali jidher illi ġiet eżibita biss ir-ratizzazzjoni. Skond ix-xhieda ta' l-Avukat Dr. Giuseppe Vella, jirriżulta li ma' dik l-ittra uffiċjali kienu ġew eżibiti r-ratizzazzjoni u t-taxxa li jinsabu eżibiti rispettivament fil-fol. 5 u 8 ta' dan il-proċess. Apparti li ma jidherx li għandu jiġi dubitat mix-xhieda fuq imsemmija, jirriżulta li ma' dik l-ittra uffiċjali kienu ġew eżibiti, bl-animu li jiġu ritirati, "żewġ dokumenti", kif jidher mill-preżentata analoga reġistrata mid-Deputat Reġistratur fil-qiegħ ta' dik l-ittra; u fil-marġini ta' l-istess ittra jidher reġistrat illi fil-21 ta' Marzu 1952 l-Avukat Dr. Vella rtira "id-dokumenti" li kienu eżibiti magħha. Għalhekk jirriżulta illi dik it-taxxa ġiet notifikata mill-attur lill-konvenuta permezz ta' dik l-ittra uffiċjali; u għalhekk il-konvenuta ġiet fil-fatt regolarment notifikata b'dik it-taxxa, jiġifieri bil-mod kif trid il-liġi; b'mod illi l-eċċezzjonijiet tagħha, sollevati minnha ulterjorment, huma mingħajr bażi;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuta, u rat il-petizzjoni tagħha fejn talbet li l-imsemmija sentenza tiġi revokata, billi tiġi milqugħa l-eċċezzjoni minnha sollevata b'nota tal-10 ta' Diċembru 1952; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi bl-imsemmija nota ta' l-10 ta' Diċembru 1952 l-appellanti eċċepiet li t-taxxa ta' l-ispejjeż tal-kawża numru 610/52 in re "Paolo Schembri vs. Rosina Bonnici et.", deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina fit-3 ta' Ottubru 1951, ma ġietx lilha regolarment notifikata kif jitlob l-art. 62 tal-Proċedura Ċivili, u għalhekk dik it-taxxa għadha impunjabili in virtù ta' l-istess artikolu, u r-ratizzazzjoni bażata fuq it-tassazzjoni magħmula għal dik il-kawża hija mingħajr bażi u ma tistax tiġi approvata, kif l-attur qiegħed jitlob f'din il-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi bl-imsemmija dispożizzjoni tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jinsab stabbilit li l-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-Reġistratur, u t-taxxi magħmulin minnu ma jis-

tgħux jiġu attakkati wara li jagħlaq xahar. Dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa ta' l-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa, u għad-debitur li jkun regolarment notifikat bit-taxxa b'att ġudizzjarju, mill-ġurnata ta' din in-notifika. Għad-dekorrenza taż-żmien għall-impunjazzjoni tat-taxxa da parti tad-debitur hija, għalhekk, neċessarja n-notifika tat-taxxa b'att ġudizzjarju;

L-attur appellat qiegħed isostni li huwa għamel dik in-notifika bl-ittra uffiċjali tat-12 ta' Marzu 1952 (fol. 45), billi ma' dik l-ittra uffiċjali huwa ppreżenta, flimkien mar-ratizzazzjoni li tagħha talab l-approvazzjoni, anki t-taxxa, debitament rilaxxjata mir-Reġistratur, ta' l-ispejjeż li kienu oġġett ta' dik ir-ratizzazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi minn notifika li saret lill-appellanti ta' l-imsemmija ittra uffiċjali tat-12 ta' Marzu 1952 (fol. 45) ma jidherx li l-imsemmija taxxa kienet ġiet magħha eżibita. Infatti, għal-*kemm fl-istess ittra uffiċjali jinsab miġjub li kienet qegħedha tiġi eżibita r-ratizzazzjoni "animo ritirandi"*, ma hemm ebda menzjoni tat-taxxa; u mill-korp kollu tal-kopja li ġiet notifikata lill-appellant ma jidherx li, barra minn dik ir-ratizzazzjoni, ġew eżibiti dokumenti oħra. Ma jidherx, għalhekk, li, għall-fini ta' l-imsemmija dispożizzjoni tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, l-appellanti ġiet regolarment notifikata b'dik it-taxxa, speċjalment in vista li dik id-dispożizzjoni timporta dekadenza, u li d-dekadenzi huma ta' strettissima interpretazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi l-preżenti att taċ-ċitazzjoni ġie preżentat fit-3 ta' April 1952, u fost id-dokumenti miegħu eżibiti hemm it-taxxa fuq imsemmija (fol. 8). L-appellanti, kif jidher mir-riferta tal-marixxall, ġiet notifikata bl-imsemmi att taċ-ċitazzjoni fit-8 ta' April 1952. Bl-ewwel nota ta' l-eċċezzjoni tagħha hija opponiet li ma kienx hemm lok għar-ratizzazzjoni li tagħha ġiet mitluba l-approvazzjoni bl-att taċ-ċitazzjoni, li l-Qorti ma ordnatx dik ir-ratizzazzjoni, u li, fil-każ li jiġi ritenut li hemm lok għal din ir-ratizzazzjoni, il-kawża odjerna messha saret ukoll kontra Grazio Cassar. Wara dawn l-eċċezzjonijiet l-Ew-

wel Qorti ordnat "ex officio" is-sejħa fil-kawża ta' l-imsemmi Cassar, u għaddiet għan-nomina ta' perit legali biex jirratizza l-ispejjeż tal-kawża imsemmija fl-att taċ-ċitazzjoni, fis-sens li jirrelata kemm huma l-ispejjeż inkorsi mill-attur, il-konvenuta u l-imsejjaħ fil-kawża, u biex jissottometti l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ. Fis-27 ta' Ottubru 1952 il-perit legali ħalef ir-relazzjoni tiegħu, u b'digriet ieħor tal-11 ta' Novembru 1952 l-ewwel Qorti ordnat li l-proċess jiġi rimess lill-istess perit legali għal xi dettalji, li dehrilha meħtieġa;

Kif jidher minn dak li ntqal fuq, il-proċediment kollu kien jirrigwarda l-mod kif keliha ssir ir-ratizzazzjoni ta' l-ispejjeż, billi l-korrettezza tat-taxxa ta' dawk l-ispejjeż ma ġiet qatt diskussa, jew fil-bogħod allegata. Kien biss wara li saru dawk il-proċeduri kollha, u preċiżament fl-10 ta' Diċembru 1952, li l-appellanti, bin-nota tagħha fil-fol. 29 tal-proċess, ġiebet 'il quddiem għall-ewwel darba l-eċċezzjoni li ma kienetx ġiet regolarment notifikata bl-imsemmija taxxa ta' l-ispejjeż, u li għalhekk hija kienet għadha fiż-żmien li timpunjaha;

Ikkunsidrat;

Illi għalkemm, kif ġa ngħad, l-appellanti ma ġietx notifikata regolarment b'dik it-taxxa bl-ittra uffiċjali tat-12 ta' Marzu 1952, dik in-notifika, għall-finijiet ta' l-imsemmija dispożizzjoni ta' l-art. 62 tal-Proċedura Ċivili, għandha titqies li saret b'dana l-att taċ-ċitazzjoni, li ġie notifikat lill-istess appellanti fit-8 ta' April 1952. L-appellanti, għalhekk, biex timpunja dik it-taxxa, kellha żmien sat-8 ta' Mejju 1952; u billi hija ma għamletx hekk f'dan iż-żmien, il-lum ma tistax iżjed timpunjaha. Huwa veru li meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni l-appellanti kienet għadha ma ġietx regolarment notifikata bl-imsemmija taxxa, u għalhekk l-attur ma setax jaġixxi għall-approvazzjoni. Iżda, meta għalaq it-terminu ta' xahar wara li saritilha n-notifika regolari ta' l-istess taxxa bl-att taċ-ċitazzjoni, mingħajr ma hija impunjatha, dik l-azzjoni eżerċitata mill-attur ma baqgħetx iżjed difettuża, billi "jus superveniens firmat actionem vel exceptionem" — prin

ċipju dan assodat fil-ġurisprudenza tagħna, u li jsib il-fondament tiegħu fl-ekonomija tal-ġudizzji u ta' l-ispejjeż (ara sentenza ta' din il-Qorti f'każ analogu, tat-3 ta' Mejju 1948, in re "Vella vs. Dr. Galea", Kollez. Vol. XXXIII—I—252);

Ikkunsidrat;

Illi in bażi għal dak li ntqal fuq l-appell ma jistħoqqlux jiġi milqugħ, u għandu jiġi miċħud;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-konvenuta Rosina Bonnici, appellanti.